MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2015

Numru. 632/2013

**Il-Pulizija**

**(Spettur Pierre Grech)**

**(Spettur Alexander Millo)**

**vs**

**Colin Galea**

**ID: 187991(M)**

Il-Qorti

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Colin Galea ta’ 22 sena, iben Victor u Isabella nee` Micallef, imwieled il-Pieta` nhar il-5 ta’ April 1991, residenti 3B, Casa Isabelle, Triq Dijonisju Famucelli, l-Imsida u detentur tal-karta tal-identita numru 187991(M);

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, fid-29 ta’ Dicembru 2013 u matul l-ahhar gimghat qabel din id-data:

a) Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta’ l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja tal-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta’ l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U akkuzat ukoll talli nhar is-17 ta’ Dicembru 2013 ghall-habta tat-8.30 ta’ filghaxija gewwa Isola Bella, Flat 1, Triq Dijonisju Famucelli, Msida:

b) Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe` ghamel hsara fuq sellatura ta’ bieb ta’ barra, kif ukoll kisser hgieg ta’ bibien ohra, liema hsara hija ta’ €120 ghad-dannu ta’ Isabella Micallef u dan bi ksur ta’ Artikolu 325(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

c) Kif ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bl-imgieba tieghu, ikkaguna lil Isabella Micallef u Marvic Micallef biza' li se tintuza vjolenza kontra taghhom jew kontra l-proprjeta` taghhom jew kontra l-persuna ta' membri tal-familja taghhom u dan bi ksur tal-Artikolu 251B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

d) Kif ukoll talli fl-istess data, lok u hin volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur tal-Artikolu 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

e) Kif ukoll talli hedded lil ommu Isabella Micallef bil-fomm, liema theddid kien jinvolvi wkoll ordni jew kundizzjoni u dan bi ksur tal-Artikolu 249(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

f) U aktar talli sar recidiv wara sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) ta' nhar is-17 ta' Marzu 2011, moghtija mill-Mag. Dr. A. Vella u nhar is-17 ta' Settembru 2013, moghtija mill-Mag. Dr. F. Depasquale, liema decizjonijiet saru definittivi.

Il-Qorti giet mitluba wkoll li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, kif ukoll il-kunsens tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kap. 9, sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u illi waqt l-ezami tieghu ai termini tal-Artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap. 9, l-imputat wiegeb illi ma kellu l-ebda oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-

konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga’ jikkonsidra t-twegiba u jerga’ lura minnha.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat fir-rigward tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati ta’ dawn l-istess imputazzjonijiet.

Ghal fini ta’ piena, il-Qorti hadet in kunsiderazzjoni illi ghalkemm l-imputat ma rregistrax ammissjoni bikrija f’dawn il-proceduri, huwa kkopera mal-pulizija waqt l-investigazzjoni taghha, kif jirrizulta kemm mill-istqarrija rilaxxjata minnu fid-29 ta’ Dicembru 2013, kif ukoll mix-xhieda tal-Ispettur Sandro Millo dwar meta huwa kellem lill-imputat wara l-incident in kwistjoni.

Qieset ukoll il-fedina penali tal-imputat li minnha jirrizulta illi huwa nstab hati *inter alia* ta’ reati kontravvenzjonali, hsara volontarja fuq vettura, li kkawza feriti hfief u ta’ reati bi ksur tal-Kap. 339, tal-Kap. 66 (illum il-Kap. 480 tal-Ligijiet ta’ Malta), tal-Kap. 65 u tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Qieset ukoll illi mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputat, jidher li fiz-zmien mertu tal-kaz, huwa kellu vizzju pjuttost sostanzjali tad-droga kokaina u li mix-xhieda ta’ Connie Fenech, in rapprezentanza tal-Komunita` ta’ Santa Marija, moghtija minnha fit-18 ta’ Marzu 2015, jirrizulta illi l-imputat ghamel perjodu ta’ tmien gimghat gewwa l-*Assessment Stabilisation Unit* (ASU), sabiex jigi ppreparat ghall-programm ta’ rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga u li kien ilu gimgha gewwa l-programm residenzjali. Skond din ix-xhud, jidher illi l-imputat kien motivat, ghaliex altrimenti ma kienx jittiehed gewwa l-programm mill-imsemmi *Unit.*

Il-Qorti qieset ukoll is-serjeta` tar-reati li bihom l-imputat jinsab akkuzat u li f'socjeta` civilizzata, il-vjolenza m'hijiex tollerabbli u wisq inqas ghandha ssib xi forma ta' gustifikazzjoni. Li l-imputat kellu l-vizzju tal-kokaina fiz-zmien in kwistjoni bl-ebda mod ma jiggustifika l-agir vjolenti tieghu fil-konfront ta' ommu, tal-familjari taghha u tal-proprjeta` taghha. Biss mill-banda l-ohra, il-Qorti tqis ukoll illi l-imputat gharaf li ghandu problema u li ha l-passi sabiex jindirizza din il-problema b'mod konkret. Tqis ukoll illi ma jiswa ta' ebda gid la ghall-imputat u lanqas ghas-socjeta` in generali jew ghall-familjari tieghu, li kienu l-vittmi tieghu fil-kaz odjern, illi huwa jigi mxekkel fit-triq it-tajba li jidher li qabad.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti tqis ukoll ir-reati fl-imputazzjonijiet (d) u (e) bhala mezz ghal fini sabiex seta' jigi kommess ir-reat fl-imputazzjoni (c), ai termini tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 u li fir-rigward tal-imputazzjoni (b), ghandhom japplikaw d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 325(1)(c) tal-Kap. 9, kif emendat bl-Att XXIV tas-sena 2014, stante illi din il-piena hija izjed miti u ghaldaqstant izjed favorevoli ghall-imputat, mill-piena kif applikabbli ghall-istess reat taht l-Artikolu 325(1)(b) tal-Kap. 9 fiz-zmien li dan sehh.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikoli 17(b) u (h), 49, 249(2) u (3), 251B, 325(1)(c) u 338(dd) tal-Kapitolu 9, fuq ammissjoni, qed ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, u tikkundannah ghal piena ta' multa ta' tliet mitt Euro (€300) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9, tista' tithallas mill-hati b'rati mensili u konsekuttivi ta' hmistax-il Euro (€15), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skond il-ligi. In oltre bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tqieghdu taht Ordni ta' *Probation* ghal zmien tliet (3)

snin mil-lum, bil-kundizzjonijiet kontenuti fl-istess Ordni hawn annessa, inkluz specifikatament illi huwa jlesti l-programm ta' rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga u li jissottometti ruhu regolarment ghal testijiet tal-urina, kif u meta mitlub mill-Ufficjal tal-*Probation* u in oltre li jidher quddiem il-Qorti kull tliet xhur, meta mharrek ghal dan il-ghan, flimkien mal-Ufficjal tal-*Probation* assenjat/a lilu, sabiex il-Qorti tinghata informazzjoni dwar l-andament tieghu matul il-perjodu tal-*Probation.*

Ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tobbliga lill-hati b'obbligazzjoni tieghu nniffsu sabiex ma jdejjaq u ma jivvessa bl-ebda mod, la direttament u lanqas indirettament, lill-partijiet lezi ossia lil ommu Isabella Micallef u lil Marvic Micallef, u dan ghal zmien tnax-il xahar mil-lum taht penali ta' tmien mitt Euro (€800).

Tordna wkoll lill-hati ai termini tal-Artikolu 24 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex ihallas lil Isabella Micallef, is-somma ta' mija u ghoxrin Euro (€120), rapprezentanti l-valur tal-hsarat li huwa kkagunalha u dan fi zmien sitt (6) xhur mil-lum.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' *Probation* jew jekk jonqos illi jsegwi xi wahda mill-kundizzjonijiet stipulati fl-Ordni tal-*Probation*.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-*Probation* u *Parole*.

Stante li ma gewx mahtura esperti f'dawn il-proceduri, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tikkundanna lill-hati ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------